MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru 500/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**Spettur Maria Stella Cutajar**
**V**

**EUGENIO CAMENZULI**

**Seduta ta' llum, 12 ta' Frar 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EUGENIO CAMENZULI** ta’ tnejn w erbghin sena, bin Dominic u Vincenza nee Micallef imwieled s-Siggiewi nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1958 u joqghod 'Simar', Ta' Brandin, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita numru 14359M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Awissu, 2001 u fiz-zminijiet ta' qabel din d-data, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda gewwa Wied z-Zurrieq u cioe fil-bajja tal-istess lok,

f'hinijiet differenti, kkommetta serq ta' diversi oggetti u flus liema valur totali hu ammontabbli ghal aktar minn mitt lira maltin izda mhux aktar minn elf lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' diversi persuni ta' nazzjonalita barranija kif wkoll Maltin.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew jixtrihom.

Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 48, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla J datata tmienja ta' Jannar, 1982.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita skond l-ligi tordna l-konfiska tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAG 273 tal-ghamla Austin 1000 ta' kulur ahmar ghal perjodu hekk kif stabbilit skond l-ligi.

Rat li b'sentenza moghtija nhar l-hdax ta' Marzu 2002 din il-Qorti kif preseduta kienet sabet lil imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsa w ghoxrin lira maltlin oltre li gie mpoggi taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht s-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg.

Illi nhar l-hamsa ta' Settembru 2002 l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg ippresentat rikors fejn infurmat lil Qorti li l-istaff tal-Agenzija Sedqa kienu hadu decizjoni li Eugenio Camenzuli ghandu johrog mill-Komunita Santa Marija izda jibqa jattendi ghal sezzjonijiet ma din l-Agenzija sabiex jibqa jibbenefika minn *support* ghal dak l-perjodu kif stabbilit minn din l-Agenzija stess u bhala konsegwenza ta' din d-decizjoni Eugenio Camenzuli hareg mill-programm residenzjali Santa Marija nhar t-tlieta ta' Settembru 2002.

Illi l-Qorti appuntat dan r-rikors ghas-smiegh ghal nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 fejn dehru l-imputat u l-

Ufficjal tal-Probation Carmen Borg flimkien mal-Ufficjal Prosekutur.

Illi l-Qorti dakinhar tat-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 semghet lil Josette Camilleri bhala rappresentant tal-Agenzija Sedqa tghid li l-imputat ma hux kapaci jkompli jsegwi l-programm ta' disintossifikazzjoni peress li mhux kapaci psikologikament u jekk jkompli dan il-programm, kien ser jaghmel aktar deni lilu nnifsu u lil ta' madwaru li qed jsegwu l-programm.

Illi fil-fatt l-imputat Eugenio Camenzuli dam f'dan il-programm ghal perjodu ta' hdax il-xahar.

Semghet lil Ufficjal tal-Probation Carmen Borg dakinhar tat-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 2002 tikkonferma dak li kienet issottolinejat fir-rikors taghha u cioe li l-Agenzija Sedqa kienet iddecidiet li l-imputat ma jkomplix jsegwi r-residential programme ghaliex kienet lesta li taghtih support u counselling minn barra.  Illi stqarret pero li ghalkemm temm dan il-kors, zamm kuntatt regolari maghha kif wkoll ma Josephine Bell li hija staff tas-Sedqa kif wkoll ma Father John Vella.  Illi l-urine tests li ttiehdu taw rizultat negattiv ghalkemm dawn ittiehdu *at random*, bla avviz.

Illi l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg nhar t-tnejn ta' Dicembru 2002 kkonfermat li l-imputat ghamel progress kbir rigward il-problema li kellu dwar l-abbuz ta' xorb alkoholiku.  Illi l-imputat sab impjieg regolari u kien qed jahdem mas-socjeta Mekanika Limited full time bhala assistant tradesman w in oltre meta l-imputat jkollu xi problema huwa kien qed jiftah qalbu maghha u ghalhekk kienet sodisfatta bil-progress tieghu.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost il-Qorti thoss li verament Eugenio Camenzuli ma kisirx l-kundizzjoni moghtija minn din il-Qorti sabiex isegwi programm residenzjali ghaliex fil-fatt ma telaqx minn rajh izda minhabba cirkostanzi partikolari mehuda mill-Agenzija ad insaputa ta' kullhadd, inkluz il-Qorti, ddecidiet li twaqqaf dan il-programm.  Illi jirrizulta li l-imputat pero ma qabadtx it-triq zbaljata izda

baqa ghaddej b'kuntatt regolari mal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg u ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma hi ser tiehu ebda provediment gdid fl-ordni tal-probation gia moghtija nhar l-hdax ta' Marzu 2002, pero tfakkar lil imputat probationer li ghandu jkompli jsegwi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Borg f'kull hin daqs li kieku gejjin direttament mill-Qorti tul il-perjodu rimanenti kollu u cioe sat-tnax ta' Marzu 2005.

**Il-Qorti tfakkar lill-Probation Officer Carmen Borg li ghandha tirrelata lil din il-Qorti darba kull erba xhur dwar l-progress jew regress tal-imputat probationer.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------